# MUŻEW PARROKKJALI ĠDID FIN-NAXXAR

Fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja tas-sena l-oħra (1993) fil-Parroċċa tan-Naxxar ġie inawgurat Mużew Parrokkjali. F'dan il-mużew ġew miġbura bosta kwadri, u ħwejjeġ oħra li xi darba jew oħra kienu fil-knisja parrokkjali ta' dan ir-raħal jew f'xi kappella oħra.

B'hekk permezz ta' dan il-Mużew żdied mużew ieħor parrokkjali. Dan il-Mużew huwa maqsum f'żewġ swali kbar.

Fl-ewwel sala niltaqgħu ma' bosta kwadri u l-ewwel wieħed fuq ix-xellug hu dak ta' Santa Margerita Verġni u Martri. Hu kwadru kbir li jdur nofs tond fil-parti ta' fuq. Il-figura prinċipali f'dan il-kwadru hija l-qaddisa u mad-dawra tagħha naraw impittra bosta episodji mill-ħajja tagħha. F'dan il-kwadru naraw ukoll impittra l-arma ta' l-Isqof Tumas Gargallo bħala tifkira li dan il-kwadru sar matul l-episkopat tiegħu. Din il-pittura kienet it-titular ta' knisja li kienet ġiet maħtuta biex saret Labour Avenue. Hi pittura li saret fl-aħħar snin tas-seklu sittax.

Kwadru ieħor f'din is-sala hu dak ta' Sant Injazju minn Loyola. Hu sotto kwadru li fl-imgħoddi kien fil-knisja parrokkjali u hu xogħol Francesco Zahra.

Ħdejn dan il-kwadru naraw il-kwadru ta' Ġesù Bambin imdawwar b'numru ta' anġli. Hu kwadru magħmul minn Gian Nikol Buhagiar iżda hi ħasra li fih xi daqqiet għaliex hu kwadru tajjeb. Jeżistu żewġ kwadri oħra li huma eżatt bħalu u dawn jinsabu, wieħed fil-knisja tal-Ġiżwiti l-Belt u l-ieħor fil-knisja "Ta' Duna" fir-Rabat.

Devozzjoni qadima f'Malta hi dik tal-Madonna tad-Dawl. Fis-seklu tmintax in-Naxxarin talbu lil Isqof Alpheran de Bussan biex fil-knisja tagħhom jwaqqfu artal f'ġieh il-Madonna tad-Dawl. Din it-talba ġiet maqtugħa fl-1738. Din id-devozzjoni twieldet fuq l-artal, ta' Sant'Agata iżda din il-qima tant kibret, li tfiet il-kult ta' Sant'Agata. Fl-1751 dan l-artal ġie mogħti lill-frattellanza tad-Duluri li kienet għadha kif twaqqfet u sena wara, jiġifieri fl-1752, sar sotto kwadru tal-Madonna tad-dawl li llum jinsab f'dan il-Mużew. B'tifkira ta' din is-sena fir-rokna tax-xellug ta' dan il-kwadru naraw is-sena 1752 impittra. Hu kwadru tabilħaqq artistiku magħmul minn Francesco Zahra. Żewġ kwadri qodma li jinsabu wkoll f'din l-ewwel Sala huma t-tnejn impittra fuq l-injam u jingħad li saru fis-seklu ħmistax. Wieħed minn dawn il-kwadri jirrappreżenta lil San Pietru u l-ieħor jirrappreżenta qaddis Isqof. Huma żewġ kwadri bi stili differenti iżda l-isbaħ fosthom hu l-aħħar wieħed u jista jkun li din il-pittura inġiebet mill-kavallieri fl-1530. Il-pittura l-oħra ta' San Pietru fiha xogħol li jersaq ħafna lejn il-pittura ta' Siena.

Ta' stil differenti għal kollox huwa l-kwadru l-ieħor ta' Marija Addolorata, impitter minn Ġużeppi Cali u li fl-imgħoddi kien fil-knisja flok il-kwadru li naraw llum.

Pittura oħra Maltija tas-seklu tmintax tirrappreżenta l-predikazzjoni ta' San Pawl waqt li ħdejn dan il-kwadru naraw pittura oħra Maltija, magħmula minn Ġużeppi Arena. Fih naraw il-Familja Mqaddsa flimkien ma' San Franġisk t'Assisi u Santa Margerita ta' Cortona.

Kwadru ieħor importanti f'din is-sala huwa tal-Madonna tar-Rużarju attribwit lil Giovanni Maria Abela pittur Malti tas-seklu sittax. Hu kwadru li tpitter fl-1595 kif naraw miktub fil-parti t'isfel ta' dan il-kwadru.

Żewġ kwadri oħra f'din is-sala li huma wkoll xogħol il-pittur Francesco Zahra, huma dawk ta' San Gejtanu u l-ieħor ta' San Luigi Conzaga. Dawn il-kwadri kienu ġew esebiti fil-Wirja li saret b'tifkira ta' dan l-artist. Il-kwadru ta' San Gejtanu fih xogħol tabilħaqq artistiku li hu dehen ta' pittur hekk kbir u importanti fl-istorja ta' l-arti Maltija.

Kwadru magħmul fl-istess żmien hu l-kwadru ta' Marija Annunzjata. Dan hu xogħol ta' xi skular tal-Favray, pittur Franċiż li ħadem ħafna f'dawn il-gżejjer. Fl-imgħoddi dan il-kwadru kien fuq l-artal fejn illum insibu l-kwadru ta' San Pawl.

Fis-sala l-oħra niltaqgħu ma' bosta ħwejjeġ liturġiċi, fosthom ġabra sabiħa ta' paramenti sagri bħal m'huma pjaneti, tuniċelli, kapep u ħwejjeġ oħra. Interessanti żewġ pjaneti roża u oħra kaħla ta' stil Spanjol.

Tiġbed ħafna l-attenzjoni kappa magħmula minn lama bajda u bir-rakkmu tad-deheb fuqha. Hi xogħol li sar f'Ruma fis-seklu tmintax u jingħad li din kienet ta' xi Kardinal li kien jgħix f'dikil-belt.

Fost l-affarijiet esebiti wieħed josserva lampier żgħir, li dan mhux tar-ram jew tal-fidda iżda ta' l-injam li jmur lura għas-seklu dsatax.

Tal-injam ukoll huwa s-sett tat-tnax-il statwa ta' l-appostli li kienu jintramaw fuq l-artal maġġur. Fil-vetrini wieħed josserva żewġ settijiet kartelli tal-Glorja, sett minnhom magħmul bi stil Rococco.

Storiku huwa l-imqass twil li fl-imgħoddi kien jintuża biex jiġu mqarbna l-vittmi tal-pesta u dan għandu komplut miegħu l-għata tal-pissidi.

Storiku wkoll huwa l-fonti tal-ilma mbierek li jġib is-sena 1629. F'nofs din is-sala naraw artal tal-injam li fiha naraw il-korp sant ta' San Fidiel li dan inġieb mill-knisja tal-Kunċizzjoni fl-istess raħal.

Imdendel fuq dan l-artal naraw Kurċifiss kbir skulturat fl-injam li jingħad li hu xogħol Malti tas-seklu tmintax filwaqt li taħtu naraw erba statwetti ta' l-injam li fl-imgħoddi kienu jiġu armati fuq l-artal tal-kor. Dawn huma ta' San Mikiel, ta' San Pafel ta' San Gabriel u ta' l-anġlu Kustodju. Huma skultura fl-injam tas-seklu sbatax.

F'din is-sala wieħed jara wkoll żewġ pitturi kbar li jirrappreżentaw lil Madonna tad-Duluri u lil Madonna tad-dawl. Dawn iż-żewġ kwadri fl-imgħoddi kienu fil-kor tal-knisja flok il-kwadri ta' Caruana. Dawn iż-żewġ kwadri huma żewġ kwadri sbieħ b'pittura Maltija tas-seklu tmintax.

Hawnhekk ukoll wieħed josserva żewġ kolonni skulturati li kienu jiffurmaw parti mill-prospettivi tal-artali tal-ġnub. Tifkira ta' dawn il-prospettivi huma l-kapitelli li naraw f'partijiet differenti ta' dawn is-swali.

Din il-ġabra sabiħa ta' affarijiet artistiċi, storiċi u liturġiċi hija l-isbaħ xhieda tal-qedem ta' dan ir-raħal, IN-NAXXAR.

**Tony Terribile**


# BORG FURNITURE
## PROP. CHARLIE BORG

# GENERAL CARPENTER

BORG GARAGE
NAXXAR ROAD, GĦARGĦUR
L/O XWIEKI

Tel: 413327